MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 13/2010

Kawza fil-lista: 37

***A B***
**vs**
***C B***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta’ Ottubru 1999, u minn dan iz-zwieg twieled tifel fil-21 ta’ Frar 2001; li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali fit-18 ta’ Marzu 2003; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null; ghaldaqstant l-attrici qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null dan iz-zwieg, bl-ispejjez;

Rat in-nota tal-konvenut li biha aderixxa ghat-talba attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut huwa null fil-ligi fit-termini tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq citata.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jaqbel mat-talba.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta’ Ottubru 1999, wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa seba’ snin. Wara konvivenza matrimonjali qasira ta’ circa sentejn u nofs huma sseparaw de facto, u fit-18 ta’ Marzu 2003 iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali. Minn dan iz-zwieg twieled tifel fil-21 ta’ Frar 2001.

Illum l-attrici qeda f’ relazzjoni stabbli li ilha ghaddejja ghal dawn l-ahhar erba’ snin u nofs; anke il-konvenut qieghed f’ relazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu; u f’ dan il-kaz tirravviza fil-konfront taz-zewg partijet il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat.

Mill-provi jirrizulta li huma kienu bdew johrogu flimkien meta kellhom sittax u tlettax-il sena rispettivament, u wara z-zwieg esperjenzjaw problemi, senjatament dik tal-bruda fil-konfront ta’ xulxin, b’ mod li, nonostante l-isforzi li ghamlu, skoprew li ma setghux jghixu l-hajja konjugali flimkien bhala unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied; bir-rizultat li wara sentejn u nofs miz-zwieg huma

sseparaw de facto. Il-partijiet isostnu li t-twelid tat-tifel ma kienx ippjanat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta' Ottubru 1999.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------